**Qorti Ċivili Prim'Awla**

**Onor. Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Illum 18 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Nru. 621/2018**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 777/12:**

**Saviour Ellul**

**vs**

**Vincent Dalli**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 14 ta' Ġunju, 2018 fejn ġie mitlub lilha illi in vista tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Mejju 2017 fejn it-talbiet attriċi li segwew il-mandat ta' Inibizzjoni hawn kontestat ġew miċħuda, għalhekk talab li dan il-mandat jiġi revokat ai termini ta' l-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12.

Għandu jiġi preċiżat ukoll illi fl-atti ġew esebiti kemm is-sentenza riferuta u wkoll l-varjazzjoni tad-digriet li bih ġiet akkordat l-inibizzjoni fejn ir-rikorrenti ġie awtorizzat ikompli bl-iżvilupp u kostruzzjoni tas-sit konċernat limitatament sad-distanza li ma kellhiex teċċedi s-sitta u sebgħin ċentimetru bogħod mill-ħajt diviżorju.

Rat ir-risposta oppositorja għat-talba in eżami datata 1 ta' Novembru 2018, fejn primarjament Saviour Ellul rresista t-talba in eżami billi jikkontendi li kemm dak previst fl-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 mhux applikabbli għal każ odjern għaliex is-sentenza li ċaħdet it-talbiet minnhu mressqa fir-rikors ġuramentat illum hija appellata, allura ma tagħmilx stat ta' fatt definittiv.

Argumenta wkoll illi kieku milqugħa t-talba għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni,fl-ipotesi li l-appell idawwar id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti, huwa jsoffri dak il-preġudizzju rrimedjabbli li kien maħsub u aċċertat (dejjem sal- bażi ta' *prima facie*) meta l-Qorti kkonsidrat u laqgħet it-talba għal inibizzjoni.

Ikkonsidrat wara li semgħet it-trattazzjonijiet u rat l-atti kollha mressqa.

Illi r-rikorrenti jistrieħ fuq l-argument illi ġialadarba s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tmur oltre eżami *prima facie,* allura din il-Qorti għandha tilqa t-talbiet tiegħu għax il-jedd tas-sekwestrant ġie miċħud.

Huwa vera u minnhu li sentenza ta' Qorti darba li tgħaddi in ġudikat ma tafx eċezzjoni. Għajr ghall-istitut eċċezzjonali ta' ritrattazzjoni u tagħmel stat ta' fatt għal dak deċiż. Pero din iċ-ċertezza hija biss konstatata u aċċertata bil-ġudikat.

Mhux dibattut li deċiżjoni tal-Prim'Awla kif inhi dik li ċaħdet il-jedd vantat minn Saviour Ellul tmur oltre l-eżami *prima facie* li għamlet il-Qorti meta laqgħet il-mandat ta' inibizzjoni. L-eżami li jispetta l-Qorti issa huwa għalhekk jekk ai termini ta' l-artikolu 836(1)(b)(f) il-mandat għadux aktar ġustifikat u/jew kienx hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi minħabba s-sentenza appellata. Ċioe illi din in-nuqqas

ta' ġustifikazzjoni għal kontinwazzjoni tal-mandat jew bdil fiċ-ċirkostanzi li wasslu għal ħruġ tiegħu jistgħux jistrieħu fuq sentenza appellata.

Ir-rikorrenti ressaq l-argument illi jekk din il-Qorti ma kienetx se tilqa' t-talba għar-revoka allura kienet se ġġib fix-xejn s-sentenza tal-Prim'Awla, waħda li per forza marret oltre l-eżami mad-daqqa t-għajn.

Bla dubbju ta' xejn dan l-argument kien ireġġi kieku s-sentenza għaddiet in ġudikat għax kienet tistabilixxi darba għal dejjem jedd jew nuqqas tiegħu. L-appell iħalli dan il-jedd suġġett għal skrutinju ulterjuri bil-konsegwenza ovvja li tali jista jiġi milqugħ a differenza ta' dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti.

Għalhekk il-Qorti taqbel ma l-argument ta' l-eżekutant Saviour Ellul illi l-jedd minnhu pretiż għadu pendenti mad-daqqa t-għajn, ukoll li jekk revokat il-mandat tant ieħor il-preġudizzju rrimedjabbli minnhu reklamat. Ma tridx wisq studju u approfondiment biex tasal għal konklużżjoni illi tħaffir viċin propjeta tal-ġar jista jwassal għal dannu rrimedjabbli u ripristin xejn faċli.

Fl-aħħarnett din il-Qorti ma tistax ma tqiesx ukoll illi mis-sentenza appellata sad-data tar-rikors in eżami għaddiet oltre sena!

Konsegwentament meqjus dak kollu premess il-Qorti tiċħad it-talba bl-ispejjes ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

Onor. Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D.